VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,103, 12 ta' Diċembru, 2018
Taqsima B

A.L. 430 tal-2018

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru għall-Finanzi, bil-parir tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 373.01.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi (d) u (e) tat-tifsira "awtorità kompetenti" tiegħu, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (f) u (g) rispettivament;

(b) minnufih wara l-paragrafu (ċ) tat-tifsira "awtorità kompetenti" tiegħu, għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(d) il-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji;

(e) l-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi;";

(ċ) it-tifsira "detentur ta' liċenza dwar il-logħob" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "detentur ta' liċenza dwar il-logħob" tfisser persuna liċenzjata skont id- dispożizzjonijiet tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor u, jew ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet għal-Logħob biex tipprovdi servizz tal-logħob;"; Kap. 438. L.S. 583.05.

(d) il-paragrafu (l) tat-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" tiegħu, għandu jiġi mħassar;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) minnufih wara l-paragrafu (k) tat-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" tiegħu, għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

" "(l) kull attività ta' aġent VFA mwettqa minn persuna jew istituzzjoni reġistrata jew meħtieġa li tkun reġistrata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Attiv Finanzjarju Virtwali; Kap. 590.

(m) servizzi ta' VFA mogħtija minn persuna jew istituzzjoni reġistrata jew meħtieġa li tkun reġistrata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Attiv Finanzjarju Virtwali; Kap. 590.

(n) il-ħruġ ta' attiv finanzjarju virtwali għal offerti lill-pubbliku f'Malta jew minn Malta skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Attiv Finanzjarju Virtwali; u Kap. 590.

(o) attività taħt il-paragrafi (a) sa (n) li ssir minn fergħat imwaqqfa f'Malta u li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom barra minn Malta;";

(f) il-paragrafi (e) u (f) tat-tifsira "operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien" tiegħu, għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (g) u (h) rispettivament;

(g) minnufih wara l-paragrafu (d) tat-tifsira "operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien" tiegħu, għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

" "(e) operazzjoni, indipendentement mill-ammont involut, imwettqa minn persuna suġġetta li l-attivitajiet tagħha jkunu dawk imsemmijin fil-paragrafi (m) u (n) tat-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti";

(f) l-għoti, lil persuna jew istituzzjoni, ta' servizzi ta' aġent VFA li hu meħtieġ li jkun liċenzjat biex jipprovdi servizzi ta' VFA taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Attiv Finanzjarju Virtwali;"; Kap. 590.

(h) it-tifsira "servizz tal-logħob" għandha tiġi sostitwita

VERŻJONI ELETTRONIKA

b'dan li ġej:

" "servizz tal-logħob" tfisser li tagħmel logħba, li tkun logħba tal-ażżard kif imfisser fl-Att dwar il-Logħob, disponibbli għal parteċipazzjoni minn ġukaturi, u, mingħajr preġudizzju għall-frażi preċedenti, "logħba liċenzjabbli" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Tifsiriet dwar il-Logħob u għandha tinkludi wkoll logħba soġġetta għall-ħtieġa ta' liċenza skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor u l-leġiżlazzjoni sussidjarja fis- seħħ taħtu;"; u

Kap. 583.

L.S. 583.04.

Kap. 438.

(i) minnufih wara t-tifsira "terroriżmu" tiegħu, għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "VFA" għandha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar Attiv Finanzjarju Virtwali.".

Kap. 590.

3. Is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (5) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

"(ii) miżuri ta' maniġġar tar-riskju inklużi *policies* dwar l-aċċettazzjoni tal-klijent, proċeduri għal valutazzjoni tar-riskju tal-klijent, kontrolli interi, maniġġar ta' konformità, komunikazzjonijiet, *policies* u proċeduri dwar *screening* tal-impjegati;".

4. Fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "jinżammu aġġornati." għandhom jidħlu l-kliem "jinżammu aġġornati:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

"Iżda fil-każ ta' persuni suġġetti li jipprovdu servizzi ta' aġent VFA kif imfisser fil-paragrafu (l) tat-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti", il-monitoraġġ kontinwu fuq relazzjoni kummerċjali għandu jkun limitat għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b).".

5. Il-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

"(b) kull żvelar bejn persuna suġġetta li twettaq kummerċ finanzjarju rilevanti, ħlief kummerċ li jissemma' fil-paragrafi (l), (m) u (n) tat-tifsira "kummerċ finanzjarju rilevanti" u persuna oħra li twettaq kummerċ ekwivalenti, sew jekk tinsab fi Stat Membru sew jekk f'xi pajjiż terz, li jifformaw parti mill-istess

VERŻJONI ELETTRONIKA

grupp u japplikaw *policies* u proċeduri mifruxa fuq grupp kif provdut dwarhom fir-regolament 6;".